**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**

**DR. ANTHONY G. VELLA BA. LL.D. M.A.**

**Illum 24 ta' Novembru 2016**

**Pulizija**

**Spettur Rennie Stivala**

**Vs**

**Jason Attard**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet kontra Jason Attard, ta' 41 sena bin Joseph u Edith nee Campagno, imwieled San Giljan, fit-28 ta' Dicembru 1972 u joqghod f'11, Florida Mansions, Triq Enrico Mizzi, Ta' Xbiex, detentur tal-karta tal-identita' numru 95273(M);

Talli f'xi granet matul Awwissu 2012, fil-granet ta' qabel u wara, f'dawn il-Gzejjer:

1) Ghal qlieh, jew bi skop ta' kummerc, stampa, immanifattura, dduplika jew mod iehor irriproduca jew ikkupja, jew biegh, qassam, xi artikolu jew xi haga ohra bi ksur tal-jeddiejiet li johorgu mid-drittijiet tal-awtur li kellha persuna ohra, u potetti bil-ligi ta' Malta jew tahtha, ghad-dannu ta' Martin Vella;

2) Talli rrenda ruhu recidiv b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati Malta, Magistrat Dr. Doreen Clarke LLD, moghtija fit-22 t'April 2010, Sentenza li saret definittiva w ma tistax tigi mibdula.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet;

**Ikkunsidrat;**

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu s-segwenti. L-imputat huwa editur ta' rivista bl-isem "The Executive". Fiz-zmien in kwistjoni, hu kien inkariga lil Martin Vella fuq bazi "freelance" sabiex jikteb artikli u jipprepara intervisti ma' persuni importanti ghall-istess rivista. Wahda minn dawn l-intervisti kienet ma' Sheika Lubna Al Qasimi tal-Emirati Gharab Maghquda, u din l-intervista dehret fuq il-harga ta' Awwissu. F'dak iz-zmien kien inqala' hafna dizgwid bejn Vella u l-imputat, b'mod specjali fuq modalita' ta' hlas bejniethom, tant li hin minnhom Vella kien qal lill-imputat sabiex dik l-intervista ma tigix ippubblikata fir-rivista "The Executive". Peress, izda, li l-imputat xorta ippubblika l-intervista, saret kwerela lill-Pulizija minn Vella u ttiehdu dawn il-proceduri kontra tieghu.

Mill-provi prodotti jidher li hemm qbil fuq bosta fatti kif esposti. Vella kien gie imqabbad minn Attard sabiex ihejji artikli u intervisti ghar-rivista kif gia' spjegat, izda wara ftit xhur kien hemm nuqqas ta' ftehim bejniethom u r-relazzjoni professjonali ddeterjorat ghall-ahhar. Din l-intervista probabbilment kienet "the straw that broke the camel's back". Vella xehed u qal li din l-intervista kienet maghmula minnu bejn Frar u Mejju jew Gunju tal-2012. Hu kien ghamel il-kuntatti kollha f'Dubai u kien jibghat il-mistoqsijiet lir-rappresentanti ta' Sheika Lubna Al Qasimi u jircievi r-risposti u diversi tibdiliet kif miftiehem maghhom. Meta din l-intervista kienet waslet fl-ahhar taghha, Vella u Attard ma baqghux jaraw "eye to eye" f'hafna affarjiet, minghajr ma l-Qorti tidhol fid-dettall fuqhom. Dan gara ghall-habta tal-bidu ta' Gunju 2012. Vella ighid li waqqaf lil Attard milli jippubblika l-intervista permezz ta' "seize and desist order" datata 23 ta' Lulju 2012, li hija 'email' twila u dettaljata ta' Vella lil Attard.

Fi ftit kliem, ghalhekk, Vella jilmenta li intervista maghmula minnu giet ippubblikata f'rivista minghajr il-kunsens tieghu. Bid-dovut rispett, il-Qorti ma tistax taqbel mieghu. Huwa evidenti mid-dokumenti esebiti minnu stess li din l-intervista kienet qed issir ghan-nom ta' "The Executive" u ghal hadd aktar. Id-dokument esebit minn Vella bhala Dok AA5, a fol. 51 *et seq* tal-process, huwa l-intervista originali maghmula minnu. Almenu hu hekk jiddikjara. Minn dak l-istess dokument jidher car li l-mistoqsijiet qed isiru minn 'TE', jigifieri "The Executive", u minn hadd aktar. Il-fatt li hu gie mqabbad b'mod privat minn Attard u jithallas

ghax-xoghol li jaghmel, ma jista' qatt iwassal biex Vella jkollu xi dritt fuq ix-xoghol li qed jaghmel esspressament ghal haddiehor, bi ftehim mieghu. Il-kumplament tad-dokumenti esebiti minnu mhux talli ma jaghtuhx ragun, izda jkomplu juru kemm fil-fatt dik l-intervista kienet qed issir biss ghal "The Executive".

Inoltre, intervista ma' persuna ma tistax titqies bhala xoghol originali li tista' tigi protetta taht il-ligijiet tad-drittijiet tal-awtur. L-intervista hija purament lista ta' mistoqsijiet – f'dan il-kaz maghmula ghan-nom ta' "The Executive" kif gia' spjegat – u t-twegibiet tal-persuna li lilha qed isiru dawk il-mistoqsijiet. Il-Qorti ssibha difficli ferm tifhem kif persuna li qed taghmel mistoqsijiet ghal rivista tippretendi li mhux biss ghandha d-dritt tal-awtur fuq il-mistoqsijiet, izda anke fuq kull twegiba tal-persuna li lilha qed isiru dawk l-istess domandi.

Il-Qorti esaminat kull dokument esebit mill-parti leza, anke dawk esebiti lejn l-ahhar tal-process, u tikkonkludi li din il-kawza hija wahda purament civili fejn Vella hassu aggravat ghal nuqqas ta' hlas li qed jippretendi minn Attard ghax-xoghol li ghamel ghal "The Executive", izda l-Qorti ma tara ebda ksur ta' drittijiet tal-awtur f'dan il-kaz. Ghalhekk l-imputat ser jigi lliberat minn dawn l-akkuzi kontra tieghu.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 49 u 298B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Din il-Qorti mhix qieghda ssib lill-imsemmi imputat hati tal-akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni w ghalhekk qed tilliberah minn kull akkuza.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**MAGISTRAT**